



Brussell, 10 ta' Novembru 2020
(OR. en)

12750/20

PI 73

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12339/20	
Suġġett:	Il-politika dwar il-proprjetà intellettuali u r-reviżjoni tas-sistema tad-disinji industrijali fl-Unjoni Konklużjonijiet tal-Kunsill (10 ta' Novembru 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-"Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-politika dwar il-proprjetà intellettuali u r-reviżjoni tas-sistema tad-disinji industrijali fl-Unjoni", li ġew approvati bi proċedura bil-miktub fl-10 ta' Novembru 2020.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-politika dwar il-proprjetà intellettuali u
r-reviżjoni tas-sistema tad-disinji industrijali fl-Unjoni**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2019¹ li jistiednu lill-Kummissjoni biex tippreżenta viżjoni fit-tul għall-futur industrijali tal-UE;
- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill "Strateġija għall-Politika Industrijali tal-UE: Viżjoni għall-2030" ta' Mejju 2019² li jirrikonoxxu li reġim tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali effettiv u li jaħdem tajjeb huwa ċentrali biex jissoktaw l-iżvilupp u t-tkabbir u li jfakkru li huwa essenzjali li l-oqfsa tal-proprjetà intellettuali Ewropej ikomplu jiġu żviluppati, imtejba u aġġornati, sabiex ikun żgurat li l-ideat u l-invenzjonijiet ikunu jistgħu jiġu żviluppati u mqiegħda fis-suq b'mod effettiv, b'mod partikolari minn u għall-SMEs, għall-benefiċċju tal-ekonomija u s-soċjetà Ewropea kollha;
- fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020 "Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa" li tħabbar pjan ta' azzjoni għall-Proprietà Intellettuali (IP) biex tiġi vvalutata l-ħtieġa li jiġi aġġornat il-qafas legali, biex jiġi żgurat użu intelliġenti tal-IP, u biex jiġi miġġieled aħjar is-serq tal-IP, peress li politiki intelliġenti dwar il-IP huma essenzjali biex jgħinu lill-kumpanniji jikbru, joħolqu l-impjiegi u jipproteġu u jiżviluppaw dak li jagħmilhom uniċi u kompetittivi;

¹ Dok. EUCO 1/19.

² Dok. 9706/19.

- fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-10 ta' Marzu 2020 "Strateġija għall-SMEs għal Ewropa sostenibbli u diġitali" li ttabbar li l-pjan ta' azzjoni għall-IP li jmiss ser jipproponi miżuri biex is-sistema tal-IP issir aktar effettiva għall-SMEs, permezz ta' azzjonijiet biex jiġu simplifikati l-proċeduri ta' reġistrazzjoni tal-IP (pereżempju r-riforma tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-disinni industrijali), biex jittejjeb l-aċċess għall-pariri strateġiċi dwar il-IP (pereżempju billi dawn il-pariri jsiru disponibbli fil-finanzjament kollu tar-R&Ż fil-livell tal-UE), u biex jiġi ffaċilitat l-użu tal-IP bħala spinta biex jinkiseb aċċess għall-finanzjament;

Sistema ta' protezzjoni tal-IP effiċjenti u bbilanċjata

2. FILWAQT LI JILQA' l-konsultazzjoni reċenti dwar pjan direzzjonali għal pjan ta' azzjoni għall-IP u FILWAQT LI JIEĦU NOTA tar-riżultati ta' din il-konsultazzjoni;
3. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-promozzjoni tal-innovazzjoni u tal-kreattività Ewropea saret saħansitra aktar importanti fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u hija għodda ewlenija biex tinbena mill-ġdid l-ekonomija tal-UE u biex jingħata kontribut għal ekonomija aktar sostenibbli fl-era diġitali;
4. IQIS li l-promozzjoni tal-innovazzjoni u l-kreattività Ewropej – u b'mod partikolari l-adozzjoni mis-suq tar-riżultati tar-riċerka – saret saħansitra aktar importanti minħabba l-pandemija tal-COVID-19, u li, f'dan il-kuntest, id-drittijiet tal-IP u t-traduzzjoni tar-riżultati tar-R&I f'termini tal-ekonomija ser ikollhom rwol ewlieni fil-proċess ta' rikostruzzjoni u fit-titjib tar-reżiljenza tan-negozji tal-UE; għalhekk JINNOTA b'interess il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020 dwar Żona Ewropea tar-Riċerka ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni³;

³ Dok. 11400/20.

5. JIRRIKONOXXI l-isfidi u l-opportunitajiet li jgħib miegħu l-iżvilupp tal-ekonomija intanġibbli u tat-teknoloġiji l-ġodda; JENFASIZZA l-importanza ta' sistema b'saħħha, effiċjenti, trasparenti u bbilanċjata ta' protezzjoni tal-IP u tas-sigrieti kummerċjali u l-ħtieġa ta' strateġija ġenerali koerenti biex jiġu żgurati kemm il-protezzjoni tal-innovazzjoni – kif ukoll l-aċċess ugwali għaliha – sabiex jiġi żgurat li l-kumpanniji kollha stabbiliti fl-UE, inkluż dawk żgħar u ta' daqs medju, ikunu jistgħu jisfruttaw b'mod effettiv l-IP tagħhom u jagħmlu użu minn teknoloġiji ġodda bħall-intelliġenza artifiċjali, l-istampar 3D u l-blockchain; JIRRIKONOXXI l-importanza ta' privattivi "ekoloġiċi" għall-iżvilupp ulterjuri tat-teknoloġiji ekosostenibbli;
6. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex jingħaqdu flimkien biex tissaħħaħ il-prestazzjoni innovattiva tal-Ewropa u jiġi żgurat li l-Ewropa tuża bl-aħjar mod il-potenzjal innovattiv u kreattiv tagħha kif ukoll ir-riċerka eċċellenti tagħha;
7. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni biex tippreżenta malajr il-pjan ta' azzjoni għall-IP imħabbar, b'inizjattivi biex il-protezzjoni tal-IP issir aktar effettiva, inkluż fir-rigward tas-sistema ta' ċertifikati supplimentari ta' protezzjoni, u aktar affordabbli, speċjalment għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju tal-UE, u biex tippromwovi l-kondiviżjoni effettiva tal-IP, b'mod partikolari assi kritiċi bħall-privattivi essenzjali għal standard (SEPs), filwaqt li tiżgura kumpens adegwat u ġust;

Bijoteknoloġija

8. FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Frar 2017 dwar il-jedd għall-privattiva tal-pjanti⁴ u b'mod partikolari fl-appell tiegħu lill-Istati Membri, fil-kapaċità tagħhom bħala membri tal-Organizzazzjoni Ewropea tal-Privattivi, biex jirrakkomandaw li l-prattika tal-Organizzazzjoni tkun allinjata ma' dawk il-konklużjonijiet tal-Kunsill; JILQA' l-opinjoni G 3/19 tal-Bord tal-Appell Estiż tal-Uffiċċju Ewropew tal-Privattivi maħruġa fl-14 ta' Mejju 2020, li tikkonkludi li n-nuqqas ta' jedd għall-privattiva ta' proċessi essenzjalment bijoloġiċi għall-produzzjoni ta' pjanti jew annimali jestendi wkoll għal prodotti tal-pjanti jew tal-annimali li jinkisbu b'mod esklużiv permezz ta' dawn il-proċessi;
9. JILQA' d-diskussjonijiet produttivi bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri dwar id-Direttiva 98/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-jedd għall-privattiva ta' proċessi essenzjalment bijoloġiċi għall-produzzjoni tal-pjanti jew l-annimali u tal-prodotti miksuba minn dawn il-proċessi, bl-intenzjoni li jinkiseb fehim aħjar tad-Direttiva u d-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Privattivi;

Indikazzjonijiet ġeografiċi

10. FILWAQT LI JILQA' d-dħul fis-seħħ, fis-26 ta' Frar 2020, tal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Orġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IG); FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jissaħħu s-sistemi ta' protezzjoni tal-IG fl-UE; FILWAQT LI JIEĦU NOTA tar-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ottubru 2015⁵; JINSAB LEST LI JIKKUNSIDRA l-introduzzjoni ta' sistema għall-protezzjoni *sui generis* ta' prodotti mhux agrikoli, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt bir-reqqa tal-ispejjeż u l-benefiċċji potenzjali tagħha;

⁴ Dok. 5808/17.

⁵ 2015/2053(INI).

Infurzar tal-IP

11. FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Marzu 2018 dwar l-infurzar tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali⁶, u JIEĦU NOTA tar-riżultati tar-rapport dwar il-funzjonament tal-Memorandum ta' Qbil dwar il-bejgħ ta' oġġetti ffalsifikati fuq l-internet u r-rapport dwar il-funzjonament tal-Memorandum ta' Qbil dwar ir-reklamar online u d-drittijiet tal-proprietà intellettwali, it-tnejn li huma tal-14 ta' Awwissu 2020;
12. JINNOTA BI TĦASSIB li minkejja l-kooperazzjoni volontarja tal-partijiet ikkonċernati, pereżempju fil-kuntest tal-Memorandum ta' Qbil dwar il-bejgħ ta' oġġetti ffalsifikati fuq l-internet, fis-swieq online għadu qed jiġi offrut numru inaċċettabbli għoli ta' oġġetti ffalsifikati, inkluż dawk li jheddu s-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, li juri l-ħtieġa ta' kollaborazzjoni msaħħa għall-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni f'UE diġitali;
13. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni:
 - biex tipprovdi data għal kull pajjiż dwar il-livelli ta' falsifikazzjoni u piraterija, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u mal-Osservatorju Ewropew tal-Ksur tal-IPRs, biex b'hekk tkompli tissaħħaħ l-effettività ta' inizjattivi għall-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija, inkluż l-MtQ,
 - biex tistabbilixxi prinċipji sabiex tkompli tissaħħaħ il-kollaborazzjoni tripartitika bejn is-sidien tad-drittijiet, l-intermedjarji u l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi biex jiżviluppaw strateġiji effettivi kontra l-falsifikazzjoni, u
 - biex tipproponi miżuri li jirrikjedu lill-pjattaformi online u lil fornituri oħra ta' servizzi ta' hosting jieħdu miżuri proporzjonati fir-rigward tal-oġġetti ffalsifikati, f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tiswir tal-futur diġitali tal-Ewropa⁷;

⁶ Dok. 6681/18.

⁷ Dok. 8711/20.

Disinji

14. FILWAQT LI JILQA' l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-disinji, li tnediet fl-2014;
15. FILWAQT LI JFAKKAR fis-sejbiet taż-żewġ studji mwettqa fil-qafas ta' dik l-evalwazzjoni – jġigifieri l-"Economic Review of Industrial Design in Europe" (Rieżami Ekonomiku tad-Disinn Industrijali fl-Ewropa) tal-2015 u l-"Legal Review of Industrial Design Protection in the EU" (Rieżami Legali tal-Protezzjoni tad-Disinji Industrijali fl-UE) tal-2016;
16. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tas-sejbiet tal-istudju dwar "The Intellectual Property Implications of the Development of Industrial 3D Printing" (L-Implikazzjonijiet fuq il-Proprietà Intellettwali tal-Iżvilupp tal-Istampar 3D Industrijali) tat-12 ta' Frar 2020;
17. FILWAQT LI JILQA' l-konsultazzjoni pubblika dwar il-pjan direzzjonali għall-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-disinji tat-3 ta' Lulju 2018 u l-konsultazzjoni pubblika dwar l-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-disinji, li saret bejn Diċembru 2018 u April 2019, u FILWAQT LI JIEĦU NOTA tar-riżultati ta' dawn il-konsultazzjonijiet u l-eżitu tal-kwestjonarju għall-Uffiċċji tal-Proprietà Intellettwali, kif ippreżentati lill-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar il-Politika tal-Proprietà Industrijali fid-9 ta' Diċembru 2019;
18. FILWAQT LI JIEĦU NOTA tar-riżultati tal-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-disinji;
19. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-fatt li filwaqt li l-parti l-kbira tal-utenti tas-sistema Komunitarja ta' protezzjoni tad-disinji għandhom opinjoni pożittiva dwar is-sistema, kif ukoll dwar il-prinċipju ta' koeżistenza bejn il-protezzjoni tad-disinji Komunitarja, nazzjonali u reġjonali, kważi nofs dawk li wiegħbu għall-konsultazzjoni pubblika indikaw konsegwenzi jew nuqqasijiet mhux intenzjonati tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-disinji, u jaraw il-ħtieġa li din tiġi aġġornata u rfinata permezz ta' reviżjoni futura, b'kont meħud tal-ħtieġa għal relazzjoni bbilanċjata bejn is-sistemi ta' protezzjoni tad-disinji Komunitarji, nazzjonali u reġjonali;
20. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI li l-protezzjoni tad-disinji nazzjonali u reġjonali tkompli tissodisfa l-ħtiġijiet ta' numru kbir ta' applikanti u li, għalhekk, il-protezzjoni tad-disinji nazzjonali u reġjonali tibqa' għażla għal dawn l-applikanti;

21. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposti għar-reviżjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji u tad-Direttiva 98/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-protezzjoni legali ta' disinji li japprossimizzaw il-liġijiet tal-Istati Membri relatati mad-disinji industrijali flimkien ma' valutazzjoni tal-impatt komprensiva u fil-fond, biex jiġu mmodernizzati s-sistemi ta' protezzjoni tad-disinji tal-UE u biex il-protezzjoni tad-disinji ssir aktar attraenti għal disinjaturi u negozji individwali, speċjalment għall-SMEs.

DIN IR-REVIŻJONI GĦANDHA TINDIRIZZA U TIKKUNSIDRA:

- emendi u miżuri oħra mmirati lejn l-appoġġ u t-tisħiħ tar-relazzjoni komplementari bejn is-sistemi ta' protezzjoni tad-disinji Komunitarji, nazzjonali u reġjonali,
- titjib fl-aċċessibbiltà tas-sistema tad-disinji billi jiġu ċċarati u żviluppati s-suġġett u r-rekwiżiti tal-protezzjoni, jiġu żgurati ċertezza legali akbar u fehim komuni tad-definizzjoni tal-prodott u l-elementi tiegħu, u billi jitwessa' l-kunċett attwali tal-prodott sabiex ikunu jistgħu jiġu protetti disinji emerġenti ġodda,
- l-opportunitajiet u l-implikazzjonijiet ta' teknoloġiji ġodda li jipprovdu modi ġodda kif jiġu ġġenerati, użati u kondiviżi disinji, bħall-istampar 3D industrijali, u l-ħtieġa potenzjali li l-qafas jiġi aġġustat fir-rigward ta' teknoloġiji ġodda,
- aktar sforzi biex jitnaqqsu l-oqsma ta' diverġenza fis-sistema tal-protezzjoni tad-disinji fl-Unjoni, pereżempju billi jiġi unifikat id-dritt tal-użu minn qabel u tiġi ċċarata r-rilevanza tal-indikazzjoni tal-prodott għall-ambitu tal-protezzjoni tad-disinji, inkluż permezz ta' aktar konverġenza tal-prattiki, kif promoss mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO),

- adattament għar-rekwiżit għar-rappreżentazzjoni tad-disinji sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-protezzjoni tad-disinji u tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-applikanti, bil-għan li dawn jibqgħu validi għall-futur fir-rigward tal-avvanzi tekniċi emerġenti bħall-iżvilupp ta' għodod speċjali biex jitwettqu tfittxijiet tal-immagħni biex tiġi eżaminata l-arti preċedenti,
- it-tisħiħ tal-protezzjoni tad-disinji u l-għieda aktar effettiva kontra l-falsifikazzjoni, billi d-detenturi tad-drittijiet jitħallew jipprevjenu lil partijiet terzi milli jgħaddu oġġetti li jkollhom disinji b'kontravvenzjoni mit-territorju tal-Unjoni anki meta dawn l-oġġetti ma jkunux maħsuba li jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni,
- l-għażliet u l-possibbiltajiet ta' armonizzazzjoni tar-regoli dwar il-protettibilità ta' partijiet komponenti ta' prodotti kumplessi użati għal skopijiet ta' tiswija, inkluż il-possibbiltà li r-regoli nazzjonali jiġu allinjati mar-reġim tad-disinji Komunitarju, u b'hekk jikkontribwixxu għat-tlestija tas-suq uniku għal partijiet ta' rikambju għat-tiswija fl-UE, u
- miżuri biex ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 u d-Direttiva 98/71/KE jsiru koerenti, sa fejn ikun xieraq, mar-riforma tal-2017 tal-leġislazzjoni tal-Unjoni dwar it-trademarks, b'mod partikolari biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri ġestiti mill-EUIPO, u b'hekk tizzied ukoll il-prevedibbiltà u jitnaqqsu l-piżijiet għall-komunità tal-utenti tiegħu, filwaqt li tinżamm il-kwalità għolja eżistenti tal-ħidma u tad-deċiżjonijiet tal-EUIPO.
